# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 799/2011

## tad-9 ta' Awwissu 2011

## li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 [2] jistipula r-regoli li jikkonċernaw iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I tiegħu ("il-lista"), fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmijin fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista għandha tkun irriveduta regolarment, u mill-inqas kull tliet xhur, filwaqt li għandhom jitqiesu, minn tal-inqas, is-sorsi ta' informazzjoni msemmijin f'dak l-Artikolu.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti tal-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Għalf u għall-Ikel (RASFF), is-sejbiet tal-missjonijiet f'pajjiżi terzi li jitwettqu mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, kif ukoll ir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar il-konsenji ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li l-lista jeħtieġ li tiġi emendata.

(4) B'mod partikolari, il-lista għandha tkun emendata bit-tħassir tal-entrati dwar il-prodotti li għalihom is-sorsi ta' informazzjoni jindikaw grad ġenerali sodisfaċenti ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' sigurtà previsti fil-liġijiet tal-Unjoni u li għalihom, għalhekk, livell ogħla ta' kontroll uffiċjali ma għadux ġustifikat.

(5) Barra minn hekk, ċerti prodotti oħrajn li dwarhom is-sorsi ta' informazzjoni jindikaw ċertu nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' sigurtà, u b'hekk jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali, għandhom ikunu inklużi fil-lista.

(6) Għaldaqstant, l-entrati fil-lista ta' ċerti importazzjonijiet mill-Azerbajġan, iċ-Ċina, l-Eġittu, l-Indja u l-Pakistan għandhom jiġu emendati skont dan.

(7) Fir-rigward tal-entrati tal-importazzonijiet ta' bżar frisk mit-Tajlandja, hija neċessarja kjarifika fl-interess taċ-ċarezza fil-liġijiet tal-Unjoni, li tikkonċerna l-kodiċi NM affettwati.

(8) L-emenda fil-lista li tikkonċerna t-tħassir tar-referenzi għall-prodotti għandha tapplika mill-aktar fis possibbli peress li t-tħassib oriġinali dwar is-sigurtà ġie indirizzat. Bl-istess mod, dawk l-emendi għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(9) Wara li jitqies in-numru ta' emendi li hemm bżonn li jsiru fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, huwa xieraq li jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 għandu jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2011.

Madankollu, it-tħassira tal-entrata għall-Pakistan għar-ross basmati għandha tapplika minn dakinhar tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS I*

A. **Għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali li huma soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul**

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Il-kodiċi NM [1] | Pajjiż ta' oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u Ikel)* | — 1202 10 90<br>— 1202 20 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | L-Arġentina (AR) | Aflatossini | 10 |
| *Ġellewż*<br>(fil-qoxra jew bla qoxra)<br>*(Għalf u Ikel)* | 0802 21 00; 0802 22 00 | L-Azerbajġan (AZ) | Aflatossini | 10 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u Ikel)* | — 1202 10 90<br>— 1202 20 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | Il-Brażil (BR) | Aflatossini | 10 |
| Taljarini mnixxfa<br>*(Ikel)* | ex 1902 | Iċ-Ċina (CN) | Aluminju | 10 |
| Pomelos friski<br>*(Ikel)* | ex 0805 40 00 | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [11] | 20 |
| Weraq tat-tè (iswed u aħdar)<br>*(Ikel)* | 0902 | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [10] | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Il-kodiċi NM [1] | Pajjiż ta' oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Bettieħa morra (*Momordica charantia*)<br>— Lawki (*Lagenaria siceraria*)<br>— Bżar aħmar (*Capsicum* spp)<br>— Brunġiel<br>*(Ikel – ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— ex 0709 90 90; ex 0710 80 95<br>— ex 0709 90 90; ex 0710 80 95<br>— 0709 60 10; ex 0709 60 99; 0710 80 51; ex 0710 80 59<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95 | Ir-Repubblika Dominikana (DO) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [3] | 50 |
| — Larinġ (frisk jew imnixxef)<br>— Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk)<br>— Rummien<br>— Frawli<br>— Fażola ħadra<br>*(Ikel – frott u ħxejjex friski)* | — 0805 10 20; 0805 10 80<br>— 0809 30 90<br>— ex 0810 90 95<br>— 0810 10 00<br>— ex 0708 20 00 | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [7] | 10 |
| Bżar (*Capsicum* spp)<br>*(Ikel – frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | 0709 60 10; ex 0709 60 99; 0710 80 51; ex 0710 80 59 | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [12] | 10 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>*(Għalf u Ikel)* | — 1202 10 90<br>— 1202 20 00<br>— 2008 11 10 | Il-Gana (GH) | Aflatossini | 50 |
| Weraq tal-kari (*Bergera/Murraya koenigii*)<br>*(Ikel – ħwawar friski)* | ex 1211 90 85 | L-Indja (IN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [5] | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Il-kodiċi NM ([1]) | Pajjiż ta' oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|
| — Bżar aħmar (*Capsicum annuum*); sħiħ<br>— Bżar aħmar (*Capsicum annuum*), imfarrak jew mitħun<br>— Prodotti tal-bżar aħmar (kari)<br>— Noċemuskata *(Myristica fragrans)*<br>— Il-qoxra barranija tan-noċe-muskata *(Myristica fragrans)*<br>— Żinżel *(Zingiber officinale)*<br>— *Curcuma longa* (iż-żagħfran tal-Indja)<br>*(Ikel – ħwawar imnixxfin)* | — 0904 20 10<br>— ex 0904 20 90<br>— 0910 91 05<br>— 0908 10 00<br>— 0908 20 00<br>— 0910 10 00<br>— 0910 30 00 | L-Indja (IN) | Aflatossini | 50 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u Ikel)* | — 1202 10 90<br>— 1202 20 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | L-Indja (IN) | Aflatossini | 20 |
| Addittivi tal-għalf u taħlitiet minn qabel<br>*(Għalf)* | ex 2309 | L-Indja (IN) | Kadmju u ċomb | 10 |
| Okra friska<br>*(Ikel)* | ex 0709 90 90 | L-Indja (IN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari ([2]) | 10 |
| Dulliegħ (*egusi, Citrullus lanatus*) iż-żerriegħa u prodotti dderivati minnu<br>*(Ikel)* | ex 1207 99 97; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99 | In-Niġerja (NG) | Aflatossini | 50 |
| — Bżar aħmar (*Capsicum annuum*); sħiħ<br>— Bżar aħmar (*Capsicum annuum*), imfarrak jew mitħun<br>*(Ikel – ħwawar imnixxfin)* | — 0904 20 10<br>— ex 0904 20 90 | Il-Perù (PE) | Aflatossini u Okratossina A | 10 |
| — Bżar aħmar frisk (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel)* | 0709 60 10, ex 0709 60 99 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari ([9]) | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Il-kodiċi NM [1] | Pajjiż ta' oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (tulsi - Ocimum tenuiflorum, ħabaq komuni)<br>— Nagħniegħ<br>*(Ikel – ħwawar friski)* | — ex 0709 90 90<br>— ex 1211 90 85<br>— ex 1211 90 85 | It-Tajlandja (TH) | Salmonella [6] | 10 |
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (tulsi - Ocimum tenuiflorum, ħabaq komuni)<br>*(Ikel – ħwawar friski)* | — ex 0709 90 90<br>— ex 1211 90 85 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [4] | 20 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Brunġiel<br>— Ħxejjex tal-brassika<br>*(Ikel – ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95<br>— 0704; ex 0710 80 95 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [4] | 50 |
| — Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)<br>— Tadam<br>*(Ikel –ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — 0709 60 10; 0710 80 51<br>— 0702 00 00; 0710 80 70 | It-Turkija (TR) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi multiresidwi bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi ta' residwi singulari [8] | 10 |
| Għeneb imnixxef (frott tad-dielja)<br>*(Ikel)* | 0806 20 | L-Uzbekistan (UZ) | Okratossina A | 50 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u Ikel)* | — 1202 10 90<br>— 1202 20 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | L-Afrika t'Isfel (ZA) | Aflatossini | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Il-kodiċi NM ([1]) | Pajjiż ta' oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|
| — Bżar aħmar (*Capsicum annuum*), imfarrak jew mitħun | — ex 0904 20 90 | Il-pajjiżi terzi kollha | Żebgħat tas-Sudan | 10 |
| — Prodotti tal-bżar aħmar (kari) | — 0910 91 05 | | | |
| — *Curcuma longa* (iż-żagħfran tal-Indja) | — 0910 30 00 | | | |
| *(Ikel – ħwawar imnixxfin)* | | | | |
| — Żejt aħmar tal-palm | — ex 1511 10 90 | | | |
| *(Ikel)* | | | | |

([1]) Fejn ikun meħtieġ li jkunu eżaminati biss ċerti prodotti li huma elenkati taħt kwalunkwe kodiċi NM u ma teżisti l-ebda sottodiviżjoni speċifika taħt dak il-kodiċi fin-nomenklatura tal-prodotti, il-kodiċi NM ikun immarkat 'ex' (pereżempju ex 1006 30: ir-ross Basmati għall-konsum dirett mill-bniedem biss huwa inkluż).

([2]) Partikolarment ir-residwi ta': Aċefat, Metamidofos, Triażofos, Endosulfan, Monokrotofos.

([3]) Partikolarment ir-residwi ta': Amitraz, Aċefat, Aldikarb, Benomil, Karbendażim, Klorfenapir, Klorpirifos, CS2 (Ditjokarbamati), Diafentjuron, Diażinon, Diklorvos, Dikofol, Dimetoat, Endosulfan, Fenamidon, Imidakloprid, Malatjon, Metamidofos, Metjokarb, Metomil, Monokrotofos, Ometoat, Ossamil, Profenofos, Propikonażol, Tiabendażol, Tiakloprid.

([4]) Partikolarment ir-residwi ta': Aċefat, Karbaril, Karbendażim, Karbofuran, Klorpirifos, Klorpirifos-metil, Dimetoat, Etjon, Malatjon, Metalaksil, Metamidofos, Metomil, Monokrotofos, Ometoat, Profenofos, Protjofos, Kwinalfos, Triadimefon, Triażofos, Dikrotofos, EPN, u Triforin.

([5]) Partikolarment ir-residwi ta': Triażofos, Ossidemeton-metil, Klorpirifos, Aċetamiprid, Tiametoksam, Klotianidin, Metamidofos, Aċefat, Proparġit, Monokrotofos.

([6]) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu vvalidat miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.

([7]) Partikolarment ir-residwi ta': Karbendażim, Ċiflutrin, Ċiprodinil, Diażinon, Dimetoat, Etjon, Fenitrotjon, Fenpropatrin, Fludioksonil, Ħessaflumuron, Lambda-ċialotrin, Metjokarb, Metomil, Ometoat, Ossamil, Fentoat, Tijofanat-metil.

([8]) Partikolarment ir-residwi ta': Metomil, Ossamil, Karbendażim, Klofenteżin, Diafenturon, Dimetoat, Formetanat, Malatjon, Proċimidon, Tetradifon, Tijofanat-metil.

([9]) Partikolarment ir-residwi ta': Karbofuran, Metomil, Ometoat, Dimetoat, Triażofos, Malatjon, Profenofos, Protjofos, Etjon, Karbendażim, Triforina, Proċimidon, Formetanat.

([10]) Partikolarment ir-residwi ta': Buprofeżin; Imidakloprid; Fenvaletat u Esfenvalerat (Is-somma tal-iżomeri RS u SR); Profenofos; Trifluralin; Triażofos; Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol), Ċipermerin (ċipermetrin inkluż taħlitiet oħrajn ta' iżomeri kostitwent (is-somma ta' iżomeri)).

([11]) Partikolarment ir-residwi ta': Triażofos, Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol), Paratparatijon-metil, Fentoat.

([12]) Partikolarment ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma), Klorpirifos, Ċipermetrin (is-somma), Ċiprokonażol, Dikofol (is-somma), Difenokonażol,Dinotefuran, Etjon, Flusilażol, Folpet, Prokloraż, Propikonażol, Tjofanat-metil u Triforin.

B. **Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan l-Anness, 'Żebgħat tas-Sudan' tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin:

(i) Is-Sudan I (Numru CAS 842-07-9);

(ii) Is-Sudan II (Numru CAS 3118-97-6);

(iii) Is-Sudan III (Numru CAS 85-86-9);

(iv) L-Aħmar Skarlat; jew Sudan IV (Numru CAS 85-83-6)."